MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru 2015

Rikors Nru 729/2013LM

**Fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 2028/08 fl-ismijiet:**

**Kevin Caruana (I.D Nru 360955M) u Antonia Caruana (I.D. Nru 293358M) u Vincent u Catherine konjuġi Camilleri (I.D. No. 244869M u 553148M rispettivament)**

**vs**

**Carmen u Ronald konjuġi German (I.D. No's 295935M u 682440M rispettivament)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' **Kevin Caruana** (K.I. Nru 360955M) u **Antonia Caruana** (K.I. Nru 293358M) u **Vincent u Catherine konjuġi Camilleri** (K.I. Nru 244869M u

553148M rispettivament) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti") ippreżentat fit-8 ta' Marzu, 2011 fejn esponew u għar-raġunijiet imfissra talbu li din il-Qorti:

1. *Illi in eżekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Kevin Caruana et vs Carmen German et deċiża fil-11 ta' Jannar, 2005 ir-rikorrenti ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' deskrizzjoni numru 2028/08 kontra l-intimati sabiex jiġu deskritti l-oġġetti mobbli li hemm fil-fond Heliopolis, Flat 11, 313 Triq San Pawl il-Baħar, St Paul's Bay, liema oġġetti ġew ukoll maqbuda permezz ta' mandat ta' qbid numru 908/05 fl-ismijiet premessi. L-ordni tal-Qorti kienet tinkludi ordni li l-oġġetti deskritti kellhom jibqgħu fil-post fejn ġew deskritti u sabiex dawn ma jittieħdux band'oħra u dan in kawtela tad-drittijiet tar-rikorrenti li ġew dedotti permezz ta' proċedura ta' irkant;*

2. *Illi jirriżulta li l-konjuġi German ma għadhomx jirrisjedu fil-fond fejn ġew maqbuda l-affarijiet u jidher li l-oġġetti kollha li ġew deskritti ttieħdu mill-post mill-istess intimati bi ksur evidenti u gravi tal-ordni tal-Qorti bl-uniku skop li b'hekk jevadu dan il-mandat u l-eżekuzzjoni tas-sentenza;*

3. *Illi ta' dan kollu hemm bħala xhieda l-atturi Kevin Caruana u Antonia Caruana, kif ukoll Vincent u Catherine konjugi Camilleri, il-marixxalli tal-Qorti li eżegwew il-mandat u l-istess intimati;*

*4. Illi dan l-aġir jikkostitwixxi disprezz tal-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna:*

(1) *tiddikjara illi l-intimati kisru l-ordnijiet tagħha billi neħħew l-oġġetti deskritti mill-fond fejn kienu nstabu mill-marixxal u ġew deskritti u dan kontra l-ordni espressa tal-Qorti u unikament sabiex jevadu l-effetti tal-mandat u tal-eżekuzzjoni tas-sentenza;*

(2) *Tordna lill-intimati sabiex fit-terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa jipproduċu l-oġġetti kollha deskritti taħt penali jew sanzjoni li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa;*

(3) *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jipproċedi b'kawża kontra l-intimati għad-disprezz imwettaq minnhom lejn l-awtorità tagħha, u li tali proċeduri jinbdew u jitmexxew bl-urġenza.*

Rat ir-Risposta tal-intimati **Carmen u Ronald konjuġi German** (K.I. Nru 295935M u 682440M rispettivament) (minn issa 'l quddiem "l-intimati") ippreżentata fit-8 ta' Lulju 2013 fejn eċċepew is-segwenti:

*Illi l-intimati jagħmlu riferenza għall-mandat ta' qbid numru 980/2005 fl-ismijiet Kevin Caruana et vs Carmen German et fejn ġew maqbuda u elevati diversi oġġetti mir-residenzi preċedenti tal-intimati, u ċjoè mill-fond Heliopolis, Flat 11, 313 Triq San Pawl il-Baħar, San Pawl il-Baħar kif ukoll mill-fond Citrus Nr 3, Razzett Complex, Triq il-Mill, Attard;*

*Illi l-intimati jagħmlu riferenza għar-rikors ippreżentat minn Monsinjur Joseph Dalmas, li jiġi oħt (recte: ħu) l-intimata Carmen German, fejn dan talab illi s-subbasta tal-oġġetti kollha li ġew maqbuda u ftit minnhom anke elevati, ma jinbigħux bis-subbasta stante illi, fost dawk l-affarijiet*

*kien hemm proprjetà tal-istess Monsinjur u dan skont ir-riferti illi għamlu l-marixxalli tal-Qorti waqt l-eżekuzzjoni tal-mandat fis-27 ta' Mejju 2008, u fis-7 t'Ottubru 2011 (kopji annessi u mmarkati bħala Dokument A u Dokument B rispettivament);*

*Illi l-Qorti laqgħet it-talba ta' Monsinjur Dalmas permezz ta' digriet datat 1 ta' Novembru 2011 anness u mmarkat Dokument C;*

*Illi l-affarijiet li kienu jinsabu fil-fond ġewwa Ħ'Attard wara l-aħħar eżekuzzjoni tas-7 t'Ottubru 2011 u qabel fil-fond ta' San Pawl il-Baħar, kienu u għadhom proprjetà tal-istess Monsinjur Dalmas u għalhekk, meta l-kirja tal-fond ta' San Pawl il-Baħar u wara ta' Ħ'Attard ġew itterminati u l-intimati German u l-Monsinjur Dalmas telqu mill-fond, l-istess Monsinjur ħa ħwejġu miegħu;*

*Illi għalhekk, l-oġġetti li għalihom qed issir riferenza fir-rikors odjern ma setgħu qatt kienu soġġetti għall-mandat ta' deskrizzjoni u/jew ta' qbid u dan stante illi dawn l-oġġetti qatt ma kienu proprjetà tal-intimati German;*

*Illi dawn l-oġġetti jappartjenu lil Monsinjur Dalmas u dawn l-oġġetti issa jinsabu fil-fond Flat 6, Bellavista, Triq Sruġ, Xagħra, Għawdex;*

*Illi għalhekk, l-intimati ma kisru ebda ordni tal-Qorti u dan il-għaliex l-oġġetti li kien għad fadal fil-fond kienu proprjetà ta' terza persuna u la l-esponenti u lanqas l-istess Monsinjur Dalmas m'għadhom jikru l-fond imsemmi f'dan ir-rikors;*

*Għaldaqstant, ma kien hemm ebda disprezz lejn ordni mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti u dan stante illi l-intimati u l-Monsinjur Dalmas m'għadhomx joqogħdu fil-fond Heliopolis, Flat 11, 313 Triq San Pawl il-*

*Baħar, San Pawl il-Baħar u l-oġġetti li kienu baqgħu fil-fond kienu jappartjenu lill-istess Monsinjur Dalmas. Għalhekk dina l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad ir-rikors tar-rikorrenti Caruana bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti li ġew esebiti mill-kontendenti.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 t'Ottubru, 2015 fejn ir-rikors tħalla għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fis-27 ta' Mejju, 2008 ġie eżegwit mandat ta' qbid numru 980/05 fl-indirizz ta' San Pawl il-Baħar. Fil-verbal tal-marixxall hemm dikjarazzjoni ta' Monsinjur Dalmas, iffirmata minnu stess, li l-oġġetti kollha fid-dar kienu proprjetà tiegħu. (fol. 64, 65 u 66). Ludwig Bonnici ġie maħtur bħala kunsinnatarju. Bi qbil bejn il-partijiet l-oġġetti tħallew fuq il-post (fol 102).

Il-mandat ta' deskrizzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri ġie ppreżentat fit-22 ta' Diċembru, 2008 (fol. 26) u eżegwit fis-6 ta' Jannar 2009 (fol. 32) fl-indirizz ta'

San Pawl il-Baħar, bl-ordni solita tal-Qorti lill-marixxal eżekutant: "Inti wkoll ikkmandat tordna lill-intimat sabiex ikompli jżomm għandu l-ħwejjeġ mobbli hekk deskritti u li tavżah li huwa responsabbli tal-irfigħ sewwa tagħhom, taħt il-pieni li thedded il-liġi għal min jonqos."(fol. 33). Il-marixxall niżżel lista tal-beni li sab (fol. 43 sa 45).

Permezz ta' rikors tal-21 ta' Jannar, 2011, ir-rikorrenti Caruana talbu li l-Qorti tordna lill-marixxal jaċċedi fil-fond imsemmi sabiex jikkonferma jekk l-oġġetti elenkati mill-marixxall kinux għadhom hemm (fol. 36). Fl-1 t'April 2011 il-Marixxall Carmen Pisani aċċediet fuq il-post, iżda sabitu vojt (fol. 38 u fol. 100);

Xi żmien wara l-kunsinnatarju induna b'kumbinazzjoni li l-intimati biddlu l-indirizz u marru joqgħodu Citrus, Numru 3, Razzett Complex, Triq il-Mitħna, Attard (fol. 102). In vista ta' dan, il-kunsinnatarju talab lill-Qorti biex jeleva l-oġġetti u l-Qorti laqgħetlu t-talba. L-oġġetti deskritti fil-mandat ta' deskrizzjoni nstabu kollha. Tħallew fl-appartament xi oġġetti kbar – pjanu, sufan u xi oġġett ieħor kbir – li kienu jinħtieġu burdnar biex iġorrhom (ara wkoll xhieda tar-rikorrent Kevin Caruana a fol. 117; u tar-rikorrent Vince Camilleri fol. 121).

Sussegwentement l-intimati reġgħu biddlu r-residenza u marru joqgħodu n-Naxxar. Dan għal darb'oħra bla ma avżaw lil ħadd (fol. 103). Meta (ma jafux kemm żmien wara) marru l-kredituri biex jiġbru l-oġġetti li ma kinux elevaw, sabu li l-intimati ma kienux għadhom joqgħodu Ħ'Attard (fol. 122).

Fix-xhieda tagħha l-intimata Carmen German ikkonfermat li qatt ma infurmat lill-kredituri jew lill-marixxall li kienet se tiċċaqlaq minn post għall-ieħor u tieħu l-oġġetti deskritti u maqbuda magħha (fol. 129). Tgħid ukoll li l-marixxall ma wissihiex biex tħalli l-oġġetti fil-post (fol. 130).

Tgħid ukoll li l-oġġetti mhux elevati għadhom fil-pussess tagħha (fol. 80). Dawn kienu side-board, mejda u pjanu. Il-pjanu proprjetà tagħha (fol. 128).

Fit-13 t'Ottubru, 2011 Monsinjur Dalmas għamel rikors fejn talab jingħata opportunità jippreżenta rikors ġuramentat biex jipprova li l-oġġetti maqbuda bil-mandat ta' qbid kienu proprjetà tiegħu. Ir-rikors iġib l-indirizz 3, Tar-Razzett Complex, Triq il-Mitħna, Attard.

Fis-seduta tal-24 t'Ottubru 2013 il-konvenuta Carmen German xehdet li kienet tgħix Bellavista, Triq Sruġ, Xagħra, Għawdex u meta ġew elevati l-oġġetti, kien hemm kemm tagħha kif ukoll ta' ħuha l-Monsinjur. (fol 79 sa 82).

L-intimat Ronald German miet fl-24 ta' Marzu 2014 u ma saret l-ebda trasfużjoni tal-ġudizzju fir-rigward tiegħu.

Id-difiża tal-intimata hija bbażata fuq żewġ binarji.

Fl-ewwel lok, tgħid li l-oġġetti mhumiex tagħha imma ta' ħuha l-Monsinjur Dalmas li jgħix magħha. Dwar dan hija kontradetta minn ħuha l-Monsinjur stess. Fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 226/2014 – li għalih tagħmel referenza l-avukat tar-rikorrenti fit-trattazzjoni tagħha – maħruġ fuq talba ta' terzi persuni – ċerti Anthony Charles John u Antonia konjuġi Cassar kontra l-konjuġi German filwaqt li r-ikorrenti odjerni ġew immessi *in statu et terminis* – il-Monsinjur ippreżenta rikors li fih allega li l-oġġetti *de quo agitur* huma proprjetà tiegħu. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ippreseduta mill-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, bi provvediment tas-6 ta' Mejju, 2015 ċaħditlu t-talba wara li sabet li hu stess kien stqarr li l-oġġetti inkwistjoni, għalkemm kienu oriġinarjament tiegħu, kien tahom lil oħtu l-konvenuta Carmen German. Anke l-istess intimata tikkontradixxi lilha nfisha: stqarret li l-pjanu huwa tagħha. Anke kieku kienu ta' ħuha l-Monsinjur, ma kellha l-ebda dritt li tqis dawn l-oġġetti bħallikieku ma kinux suġġett tal-mandat ta' deskrizzjoni. Jekk riedet tinfiċja l-effikaċja tal-mandat fir-rigward tagħhom, kellha tieħu proċedura idoneji skont il-liġi.

Fit-tieni lok, il-konvenuta ssostni li ma kellha l-ebda obbligu tinforma lil ħadd dwar id-diversi bdil ta' residenza: safejn hu magħruf, kienet ir-Rabat, San Pawl il-Baħar, Ħ'Attard, in-Naxxar u x-Xagħra Għawdex. Din l-affermazzjoni turi minnha nfisha nuqqas ta' *bona fede* li biha wieħed għandu jimxi ma' oħrajn inkluż, u speċjalment fi proċeduri ġudizzjarji. Issa jirriżulta mill-atti ta' dan il-mandat - mid-dokumenti esebiti, mix-xhieda tar-rikorrenti u anke tal-intimata nnifisha, tal-marixxalli, u tal-kunsinnatarju - kif ukoll mill-allegazzjoni

inveritiera u ripetuta li wħud mill-oġġetti mniżżlin fil-mandat ta' deskrizzjoni kienu ta' ħuha l-Monsinjur Dalmas, kif ġjà spjegat, li l-intimata għamlet minn kollox biex tevita li l-oġġetti jinbiegħu bis-subbasta biex il-kredituri jitħallsu dak li hu dovut lilhom.

Il-bdil ta' spiss ta' residenza huwa wkoll parti minn dik il-kondotta. L-iskop ta' mandat ta' deskrizzjoni hu "biex iqiegħed fiż-żgur jedd fuq ħwejjeġ mobbli, li, sabiex dak il-jedd jista' jiġi eżerċitat, ir-rikorrent ikollu interess li dawk il-ħwejjeġ mobbli jibqgħu fil-lok u fl-istat li fih ikunu jinsabu." (Artiklu 839 Kap. 12). Kliem li huwa riprodott fil-formola tar-rikors għall-ħruġ tal-istess mandat. L-Artiklu 841 tal-istess Kap. ikompli jispeċifika li "Il-ħwejjeġ hekk deskritti jibqgħu f'idejn il-persuna li jkunu jinsabu għandha, u dik il-persuna hija responsabbli ta' irfigħ sewwa tagħhom, u għal dan l-effett issirilha twissija espressa fil-mandat."

Bħala detentriċi tal-oġġetti msemmija, hija kellha l-obbligu li tikkustodihom u tagħti sodisfazzjon lill-kredituri u lill-Qorti dwar fejn kienu dawn l-oġġetti, u mhux tipprova tfixkel lill-kredituri milli jbigħuhom biex jitħallsu. Difatti l-intimata għada sal-lum ma tatx sodisfazzjon dwar fejn jinstabu l-oġġetti li ma ġewx elevati.

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda:

(i) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-intimata kisret l-ordnijiet tagħha billi neħħiet l-oġġetti deskritti mill-fond fejn kienu nstabu mill-marixxal u ġew deskritti u dan kontra l-ordni espressa tal-Qorti u unikament sabiex tevadi l-effetti tal-mandat u tal-eżekuzzjoni tas-sentenza;

(ii) Tordna lill-intimata sabiex fi żmien ġimgħa tipproduċi l-oġġetti kollha deskritti u mhux elevati taħt penali ta' mitt euro (€100) għal kull jum ta' dewmien;

(iii) Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jipproċedi b'kawża kontra l-intimata Carmen German għad-disprezz imwettaq minnha lejn l-awtorità tagħha b'mod spedituż kemm jista' jkun.

Spejjeż a karigu tal-intimata Carmen German.

**Moqrija**

--------------------TMIEM--------------------